**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 889/2023**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

**Jason Cassar**

Illum il-5 ta' Mejju 2025

Il Qorti:

Rat l-akkużi dedotti kontra Jason Cassar, ta' 49 sena, iben Saviour u Rita nee' Buhagiar, imwieled Pietà nhar it-2 ta' Mejju 1974, residenti Flat 1, 141, Triq il-Wileġ, Qawra u detentur tal-karta ta' l-identità Maltija bin-numru 245374M.

Akkużat talli nhar l-erbgħa (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) għall-ħabta ta' bejn is-sagħtejn (02:00) u s-sagħtejn u nofs (02:30) ta' filgħodu u/jew f'ħinijiet qabel u/jew wara, ġewwa Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar u/jew bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Yanika Cuschieri f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq Yanika Cuschieri hekk kif iċċertifikat mit-tabiba Dr. Stefania Abdilla MD Med. Reg. Nru. 4078 mill-Mosta Health Centre.

II-Qorti hija ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża, u ċioe ta' Yanika Cuschieri jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiża u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi, tapplika il-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2024, ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.[1]

Rat li l-Avukat Ġenerali nhar l-1 ta' Ottubru 2024 ippreżenta formalment l-artikoli tal-ġudizzju ta' liema l-imputat għandu jiġi aġġudikat minn din il-Qorti u jinstab ħati u ċioe:

1. Fl-artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 17, 20, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Folio 8 ta' l-atti proċesswali

3. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2025, din il-Qorti, wara li ġew moqrija l-istess artikoli tal-ġudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u l-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[3]

Rat il-fedina penali ta' l-imputat datata 23 ta' Ottubru 2023.[4]

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni.

Rat illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha nhar it-18 ta' Lulju 2024.[5]

Rat illi nhar is-7 ta' Jannar 2025 id-difiża iddikjarat li m'għandhiex provi xi tressaq f'dan il-każ.[6]

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2025.[7]

Rat l-atti kollha.

---

[2] Folio 90 ta' l-atti proċesswali
[3] Folio 94 ta' l-atti proċesswali
[4] Dok. WG6, Folio 30-32 ta' l-atti proċesswali
[5] Folio 72 ta' l-atti proċesswali
[6] Folio 94 ta' l-atti proċesswali
[7] Folio 95 ta' l-atti proċesswali

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[8]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ imur lura għal l-4 ta' Marzu 2022 meta l-vittma Yanika Cuschieri irrapportat l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra illi kienet ġiet aggredita bil-ponn minn l-imputat Jason Cassar waqt li hija kienet miexja weħidha fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar u sofriet ġrieħi f'wiċċha u fis-snien, liema ġrieħi ġew iċċertifikati ta' natura gravi.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser tagħmel referenza għax-xiehda li nstemgħet viva voce u għad-dokumenti saljenti li ġew preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2024 xehed l-**Ispettur Warren Galea**[9] stazzjonat l-Għassa tal-Qawra fejn ippreżenta ċertifikat mediku tal-vittma Yanika Cuschieri datat 4 ta' Marzu 2022. Iċ-ċertifikat mediku kien maħruġ minn Dr. Stefania Abdilla w jikkonċerna ġrieħi gravi.[10]

Fl-istess udjenza xehdet it-tabib **Dr. Stefania Micallef nee' Abdilla**[11] li ikkonfermat li nhar l-4 ta' Marzu 2022 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (03:30HRS) hija kienet eżaminat lill-vittma Yanika Cuschieri ġewwa l-Health Centre tal-Mosta u kienet rilaxxjat ċertifikat mediku. Irriżulta li l-vittma kellha

[8] Folio 95 ta' l-atti proċesswali
[9] Folio 11-12 ta' l-atti proċesswali
[10] Dok. WG1, Folio 13 ta' l-atti proċesswali
[11] Folio 14-19 ta' l-atti proċesswali

nefħa u tbenġila fejn l-għajn tax-xellug, kellha ferita rqiqa fuq il-kappell ta' l-istess għajn, kellha nefħa fuq in-naħa tal-lemin tax-xoffa ta' isfel, u kellha telf ta' biċċa sinna tax-xedaq ta' isfel, fil-parti ta' quddiem tan-naħa tal-lemin. Minn hemmhekk it-tabib irreferiet lill-vittma għand dentist u għad-Dipartiment ta' l-Emerġenza għal aktar assistenza medika. Il-ġrieħi ġew iċċertifikati bħala gravi u dana peress li kien hemm telf ta' biċċa sinna u kif ukoll peress li l-ferita fil-wiċċ setgħet tħalli sfreġju permanenti.

Aktar tard fl-istess seduta reġa' xehed l-**Ispettur Warren Galea**[12] li spjega li nhar l-4 ta' Marzu 2022, meta hu kien għadu mhux fil-kariga ta' Spettur, kien irċieva struzzjonijiet sabiex jinvestiga każ ta' ġrieħi gravi. Jgħid illi l-vittma Yanika Cuschieri kienet irrapportat l-Għassa tal-Qawra li waqt li kienet miexja fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar kien aggrediha b'daqqiet ta' ponn u kif ukoll bir-ras l-imputat Jason Cassar. L-Ispettur spjega li huwa kien ipprova jistabbilixxi kuntatt ma' l-imputat Jason Cassar sabiex jiġi mitkellem mill-pulizija. Kien għamel diversi tentattivi sabiex jikkuntattja lill-imputat iżda kienu kollha irriżultaw fin-negattiv. Kien imbagħad nhar it-23 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' l-għaxra u kwart ta' filgħodu (10:15HRS) li l-imputat Cassar kien mar l-għassa tal-Qawra fejn kien ġie mitkellem minnu dwar il-każ. Dakinhar l-imputat irrilaxxja stqarrija wara li ġie mogħti d-drittijiet legali tiegħu.

L-Ispettur ippreżenta d-dikjarazzjoni ta' rifjut għal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni iffirmata minn l-imputat Jason Cassar[13], l-istqarrija tiegħu[14], kopja tar-rapport bin-numru 11/POL/1231/2022[15], iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat[16], u l-fedina penali[17] ta' l-istess imputat.

---

[12] Folio 20-23 ta' l-atti proċesswali
[13] Dok. WG2, Folio 24 ta' l-atti proċesswali
[14] Dok. WG3, Folio 25-26 ta' l-atti proċesswali
[15] Dok. WG4, Folio 27-28 ta' l-atti proċesswali
[16] Dok. WG5, Folio 29 ta' l-atti proċesswali
[17] Dok. WG6, Folio 30-32 ta' l-atti proċesswali

Illi ukoll fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2024 xehed **PS949 Matthew Calleja**[18] stazzjonat l-Għassa tal-Qawra. Spjega li nhar l-4 ta' Marzu 2022 waqt li kien xogħol ġewwa l-Għassa tal-Qawra irrapportat Yanika Cuschieri għall-ħabta tat-tlieta neqsin kwart ta' filgħodu (02:45HRS) li waqt li kienet miexja fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar kien aggrediha b'daqqiet ta' ponn u kif ukoll bir-ras l-imputat Jason Cassar. Il-vittma stqarret miegħu li l-imputat kienet saret tafu biss jumejn qabel minn ġo bar f'Buġibba u li hija wara baqgħet miegħu u marru ma' xulxin f'lukanda. Hija spjegatlu li l-allegat inċident kien inqala' peress li l-imputat kien sellfilha l-*mobile* tiegħu, riedu lura, u wara li qaltlu li kienet ser tirritornah l-għada, l-imputat aggrediha. Huwa talab lill-vittma sabiex tipproduċi ċertifikat mediku tal-ġrieħi li kienet ġarrbet.

Is-Surġent spjega li dakinhar stess ta' l-4 ta' Marzu 2022 huwa aċċeda fuq il-post Mayflower Hotel fejn l-imputat kien qed jirrisjedi dak iż-żmien u sabu fil-kamra 106. Informah bir-rapport li kien sar u li kien ser jiġi mitkellem mill-pulizija dwar l-akkadut aktar 'l quddiem. Wara, huwa mar lura l-għassa minn fejn ġabar iċ-ċertifikat mediku mingħand il-vittma Yanika Cuschieri fejn irriżulta li hija kienet ġarrbet ġrieħi gravi. Huwa seta' jinnota li l-vittma kellha daqqiet f'wiċċha.

Is-Surġent ikkjarifika li r-rapport kien bdieh PC119 Isaac Gauci u li hu kien għamel biss aġġornamenti fuqu.

Fis-seduta tat-8 ta' Frar 2024 xehed **PC119 Isaac Gauci**[19] stazzjonat l-Għassa ta' Ħad-Dingli, li spjega li nhar l-4 ta' Marzu 2022 waqt li kien xogħol fl-Għassa tal-Qawra għall-ħabta tat-tlieta neqsin kwart ta' filgħodu (02:45HRS) irrapportat Yanika Cuschieri li waqt li kienet miexja fi Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar kien aggrediha b'daqqiet ta' ponn u kif ukoll bir-ras l-imputat

[18] Folio 33-42 ta' l-atti proċesswali
[19] Folio 44-48 ta' l-atti proċesswali

Jason Cassar. Hija stqarret li lill-imputat kienet saret tafu nhar it-2 ta' Marzu 2022 meta iltaqgħet miegħu ġo bar f'Buġibba u wara marret miegħu l-Mayflower Hotel fil-kamra numru 421. Il-vittma stqarret miegħu li l-allegat inċident kien inqala' peress li hi kienet talbet lill-imputat issellfilha l-*mobile*, huwa riedu lura, u wara li kienet qaltlu li kienet ser tirritornah l-għada, l-imputat kien aggrediha. Jikkonferma li kellha ġrieħi f'wiċċha.

Illi ukoll fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2024 xehdet il-vittma **Yanika Cuschieri**[20] li bdiet ix-xhieda tagħha billi affermat ripetutament li ma tiftakar xejn dwar l-inċident, lanqas jekk l-argument kienx fiżiku jew bil-fomm. Sostniet ukoll għal diversi drabi x-xewqa tagħha li taħfer lill-imputat. Tistqarr illi minn l-inċident 'l hawn l-imputat ma kienx reġa' għamel kuntatt magħha jew iffastidjaha. Il-vittma baqgħet issostni li ma tiftakar xejn peress li kien għadda ħafna żmien.

Illi tenut kont ta' l-insistenza tax-xhud li ma tweġibx għad-domandi li kienu qed isirulha dwar l-inċident u minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni tagħha, fuq talba tal-prosekuzzjoni, ix-xhud ġiet dikjarata bħala xhud ostili u anke ġiet kawzjonata mill-Qorti.

Wara dan, il-vittma tgħid illi kienet għamlet rapport f'Marzu 2022 dwar argument li kellha ma' l-imputat fuq *mobile*. Fuq mistoqsija tal-Qorti hija twieġeb li l-ġlieda ma kienitx romantika u li qatt ma kien hemm xejn bejniethom. Tgħid illi kienu ħbieb u ma kienitx l-ewwel darba li iltaqgħet miegħu. Tgħid illi setgħet kienet hi stess il-kaġun ta' l-argument li kien inqala' bejniethom. Hija tgħid illi l-imputat ma tafx x'kunjomu u li kif ratu fl-awla lanqas kienet għarfitu minn l-ewwel.

Wara li ġiet murija ċ-ċertifikat mediku li kien rilaxxjat minn Dr. Stefania Abdilla, x-xhud tikkonferma illi l-inċident ġara waqt li hi u l-imputat kienu weħidhom ftit 'l isfel mic-*cinema* ta' San Pawl il-Baħar. Tgħid li l-imputat kien

[20] Folio 49-61 ta' l-atti proċesswali

refa' idejh fuqha w kien laqatha f'għajnejha b'idejh iżda ma kienx uża oġġetti. B'kawża ta' hekk hija kellha tbenġil f'għajnejha li dam ħmistax-il ġurnata biex fieq. Tikkonferma li ma kienx hemm konsegwenzi f'għajnejha minn wara dak l-inċident. Fl-aħħar nett, meta reġgħet ġiet murija l-istess ċertifikat u b'referenza għat-telf ta' biċċa sinna, hija tikkonferma li s-sinna baqgħet l-istess kif kienet.

Illi fl-udjenza tat-18 ta' Lulju 2024 xehed **Dr. Mario Scerri**[21] espert medikolegali maħtur mill-Qorti sabiex jeżamina lill-vittma Yanika Cuschieri. Huwa ħalef u ppreżenta r-relazzjoni tiegħu li fih jinkludi l-konstatazzjonijiet forensiċi relevanti.[22] Spjega li nhar il-25 ta' Ġunju 2024 huwa kien eżamina lill-vittma Yanika Cuschieri li din min-naħa tagħha spjegatlu li kienet ġarrbet daqqiet f'wiċċha fejn kellha tbenġil madwar l-għajnejn, liema tbenġil ma kienx baqa' jidher. Hija spjegatlu ukoll li per kawża ta' l-allegat inċident hija kienet ġarrbet *chipping* ta' sinna (*lower lateral incisor*) fuq in-naħa tax-xellug. L-espert jispjega li wara li tali *chipping* kien ġie trattat bit-teknoloġija dentali moderna dan ma baqax jidher. Huwa spjega illi c-*chipping* tas-sinna kien temporanjament jidher ftit meta l-vittma titbissem jew titkellem. L-espert ikkonferma li ma kienx hemm aktar leżjonijiet viżibbli jew xi marki mankamenti b'riżultat ta' dan l-allegat inċident.

Illi d-difiża għażlet li ma tressaqx provi f'dan il-każ.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-istqarrija ta' l-imputat ittieħdet nhar it-23 ta' Ottubru 2023 fl-għaxra u nofs u ħamsa ta' filgħodu (10:35HRS), ġewwa l-

[21] Folio 73-74 ta' l-atti proċesswali
[22] Dok. MS1, Folio 75-85 ta' l-atti proċesswali

uffiċċju ta' l-Ispettur Warren Galea fil-preżenza ta' PC2081 Owen Azzopardi l-Għassa tal-Qawra.[23]

Illi din l-istqarrija ittieħdet wara li l-imputat ingħata d-drittijiet kollha tiegħu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel issirlu l-interrogazzjoni. L-imputat għażel li jirrinunzja milli jeżerċita dawn id-drittijiet u ffirma tali rinunzja.[24]

L-imputat wieġeb għad-domandi kollha li sarulu u ffirma kull paġna ta' l-istqarrija tiegħu.

Illi l-imputat jgħid li kien iltaqa' ma' l-allegata vittma jumejn qabel l-4 ta' Marzu 2022 meta, waqt li huwa kien qed jistenna fir-*reception* tal-Mayflower Hotel, hija kienet hemm akkumpanjata minn l-għarus tagħha. Jispjega illi dak iż-żmien huwa kien qed jgħix fil-*hotel* u inzerta kien fir-*reception* peress li kien fil-proċess li jibdlulu l-kamra. Ġara illi l-vittma u l-għarus tagħha riedu jibbukkjaw kamra iżda ma kellhomx il-karta ta' l-identità u bil-kunsens tal-*hotel* kienu ħadu l-kamra li hu kien għadu kemm ħareġ minnha. Huwa jiċħad illi kien iltaqa' mal-vittma f'ħanut f'Buġibba u li wara kienet akkumpanjatu l-lukanda.

Illi skond l-imputat l-akkadut ġara wara li l-allegata vittma Yanika Cuschieri kienet akkwistat kopja taċ-ċavetta tal-kamra tiegħu mir-*reception*, daħlet fil-kamra tiegħu u, waqt li kien rieqed, ħaditlu l-*mobile* mingħajr il-kunsens tiegħu. Jispjega li huwa kellu informazzjoni mingħand ħabib li l-vittma kienet fit-triq akkumpanjata ma' persuna oħra maskili. Mar jikkonfrontaha sabiex jieħu dan il-*mobile* lura fejn il-vittma qaltlu li kienet ser tirritornah l-għada. Jispjega illi waqt li kienu qed jitkellmu waqa' l-pakkett tas-sigaretti tal-vittma, u peress li huwa ħaseb li dan kien il-*mobile* niżlu t-tnejn baxxuti w ħabtu ras ma' ras. Jgħid illi wara l-akkadut huwa baqa' ma rċeviex il-*mobile* lura u qal lill-raġel li kien

[23] Dok. WG3, Folio 25-26 ta' l-atti proċesswali
[24] Dok. WG2, Folio 24 ta' l-atti proċesswali

mal-vittma biex l-għada hija tirritornah u telaq lura l-*hotel*. Jgħid illi f'dak il-mument l-allegata vittma ma kellha l-ebda ferita. Huwa jtenni illi ma għandux spjegazzjoni ta' kif l-allegata vittma setgħet ġarrbet il-ġrieħi tagħha.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiża trattaw il-każ fis-seduta tat-3 ta' Frar 2025.[25]

Il-prosekuzzjoni argumentat illi mill-provi jirriżulta li l-vittma Yanika Cuschieri sofriet feriti gravi li ġew iċċertifikati kemm minn Dr. Stephanie Abdilla u kif ukoll minn Dr. Mario Scerri l-espert medikolegali maħtur mill-Qorti. Il-prosekuzzjoni targumenta ukoll illi irriżulta ampjament illi tali feriti gravi ġew inflitta fuq il-vittma minn l-imputat. Jingħad ukoll illi mhux meħtieġ illi tiġi pprovata l-motivazzjoni wara l-azzjoni ta' l-imputat stante illi l-konnessjoni bejn il-ferita u l-aggressur hija prova adegwata sabiex tinstab ħtija fl-imputat.

Illi mill-banda l-oħra d-difiża ssostni li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova dan il-każ sal-grad li tixtieq il-liġi minħabba nuqqas ta' provi. Tirrimarka illi x-xhud primarju tal-prosekuzzjoni, u ċioe l-vittma Yanika Cuschieri, m'hijiex xhud kredibbli minħabba l-fatt illi fix-xhieda tagħha stqarret li ma tiftakar xejn dwar l-inċident u li tixtieq taħfer lill-imputat. Id-difiża issottomettiet illi peress li hawn ninsabu fil-kamp kriminali w li allura l-grad tal-prova huwa dak *beyond reasonable doubt*, il-Qorti għandha tiskarta x-xhieda tal-vittma fuq nuqqas ta' kredibilità u konsegwentement tgħaddi biex tillibera lill-imputat minn l-akkużi kontrih.

[25] Folio 95 ta' l-atti proċesswali

**Ikkunsidrat**

**Prinċipji Legali**

Illi l-Avukat Ġenerali fir-rinviju għall-ġudizzju jindika l-artikolu 214, 215 u 216 bħala dawk l-artikoli li bihom l-imputat għandu jinstab ħati.

Illi l-artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali jaqra li:

*"Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna."*

Illi l-artikolu 215 tal-Kodiċi Kriminali jikkwalifika li *"l-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa"*.

Illi skond l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali:

*"(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin:*

*(a) jekk tista' ġġib periklu: (i) tal-ħajja; jew, (ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew, (iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella, (iv) ta' marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż; (ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218; (d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu; (e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat*

*iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża."*

Illi kif ġie ritenut fil-każistika nostrana u skond il-Professur Anthony Mamo dan ir-reat isseħħ jekk jirriżulta mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Fil-każ **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol**[26] ġie ritenut:

*"B'mankament...fil-wiċċ il-liġi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarità tal-wiċċ, fl-armonija tal-linearnenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skond ġurisprudenza ormaj paċifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Kollezz. Deċiż. XLII.iv.1245, 1248). Għalhekk mhix korretta il-prepożizzjoni li temerġi mill-bran tas-sentenza appena ċitata, li jekk ikun hemm ċikatriċi neċessarjament hemm sfreġju, iżda ma jkunx hemm sfreġju jekk ikun hemm sempliċi skolorament tal-ġilda. Anke skolorament tal-ġilda jista' jipproduċi kemm sfreġju kif ukoll mankament fil-wiċċ fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-ħsara; mhux importanti x'tissejjah il-ħsara fil-gergo mediku jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li tħalli fuq il-wiċċ."*

Illi dan il-punt huwa enfasizzat mill-awtur legali Antolisei li stqarr li mankament jew l-isfreġju għandu ikun "*visibile stando di fronte alla persona*" u li kien ikkonfermat fil-każ **Il-Pulizija vs. Emily Zarb**[27] fejn il-Qorti kkonfermat l-istess ħsieb u stqarret li l-isfreġju kkontemplat fl-artikolu 216(1)(b) jista' jkun

[26] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Imħallef Vincent DeGaetano, Deċiża 12/9/1996
[27] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Deċiża 15/2/1958; Kollezz. Deċiż. XLII.iv.1245, 1248

anke temporanju u li din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik *"li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin"*.

Illi dan is-sentiment jinstab ukoll fil-każ **Il-Pulizija vs. Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf**[28] fejn il-Qorti għamlet referenza wkoll għal awtur legali Manzini fejn ġie ritenut li *"peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita` della alterazione stessa, o per l'esp ressione d'assieme del volto"*.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Reno Azzopardi**[29] ppreseduta mill-istess Qorti ġie ritenut:

*"Effettivament il-liġi tagħna stess tagħmel distinzjoni bejn sfreġju li fil-prattika jissejjaħ "sempliċi" (artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u sfreġju "gravi u permanenti" (artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). U kif intqal fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Fortunato Sultana: "Skond din id-dispożizzjoni [l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali] l-offiża fuq il-persuna hi gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-liġi ma tirrikjedix li dana l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ (jew fil-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet ta' l-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfreġju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravità, tagħti lok għal hekk imsejħa 'offiża gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali." Issa, sfreġju hija "kull ħsara li tista' ssir "fir-regolarità tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineament tal-wiċċ u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis Dingli**[30] kien ritenut:

*"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li offiża hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju f'ċerti postijiet tal-ġisem, fosthom fil-wiċċ tal-offiż. Ma huwiex*

[28] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imħallef David Scicluna, Appell Kriminali Numru 484/2011, Deċiża 23/1/2013
[29] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imħallef David Scicluna, Appell Kriminali Numru 308/2010, Deċiża 2/3/2011
[30] Qorti tal-Appell Kriminali, Deċiża 12/9/1996

*meħtieġ li dana l-mankament jew sfreġju ikun permanenti jew li jdum għal ċertu numru ta' siegħat, ġranet, ġimghat jew xhur. Jekk, imbagħad, l-isfreġju ikun gravi u permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjħa offiża gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Għall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfreġju jew le hija kwistjoni ta' fatt rimessa għall-ġudikant tal-fatt (f'dan il-każ il-maġistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal għall-konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeċiedi jekk offiża iġġibx sfreġju fil-wiċċ o meno irid jgħaddi ċertu żmien ħalli wieħed jara l-effetti li tħalli l-ferita in kwistjoni fil-wiċċ. Dan mhux korrett. Kif ġa ingħad, għall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfreġju anke ta' ftit ġranet, per eżempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu għadhom f'posthom, jammontaw għall-offiża gravi, għalkemm wara li jitneħħew il-ponti u jgħaddi aktar żmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bħala sfreġju."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Luke Sciberras**[31] ġie ritenut li:

*"Għalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux neċessarju li l-offiża tkun tali li "tista" tħalli mankament jew sfreġju. Dik il-possibilità tirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jew 218. Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa biżżejjed li l-offiża tħalli mankament jew sfreġju, f'dan il-każ mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wiċċ u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilità jew probbabilità ta' permanenza ma jiċċentraw xejn in rigward. Fi kliem ieħor, fil-kodiċi penali tagħna, l-offiża fuq il-persuna tista' tkun waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Fortunato Sultana tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi oħrajn, il-liġi ma tirrikjedix li l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari. Sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn anke jekk ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet ta' l-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravità, tagħti lok għalhekk imsejħa "offiża gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Għall-espożizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni*

[31] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Appell Numru 219/2016, Onor. Imħallef Giovanni Grixti, Deċiża 28/5/2018

*in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll għas-sentenza ta' din il-Qorti deċiża fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jonathan Farrugia fejn oltre s-sentenza ċitata saret referenza għal diversi sentenzi oħra fosthom dik Il-Pulizija vs. Antonio sive Anthony Randich tat-2 ta' Settembru 1999."*

Illi skond l-awturi Archbold 2021:[32]

*"Grievous bodily harm" should be given its ordinary and natural meaning of really serious bodily harm, and it is undesirable to attempt any further definition of it: **DPP v Smith [1961] A.C. 290, HL ; Cunningham [1982] A.C. 566, HL ; Brown (A.) [1994] 1 A.C. 212, HL**. It is not necessary that the harm should be either permanent or dangerous: Ashman (1858) 1 F. & F. 88. Nor is it a precondition that the victim should require treatment or that the harm would have lasting consequences; in assessing whether particular harm was "grievous", account has to be taken of the effect of the harm on the particular individual: **Bollom [2003] EWCA Crim 2846; [2004] 2 Cr. App. R. 6**. Bodily harm includes psychiatric injury: **Ireland; Burstow [1998] A.C. 147, HL**; but not psychological injury: **Dhaliwal [2006] EWCA Crim 1139; [2006] 2 Cr. App. R. 24**."*[33]

L-istess awturi jgħidu wkoll:

*"It was formerly accepted that "causing" was wider than "inflicting" and that where the allegation was of causing grievous bodily harm, the issue was a straightforward one of causation: did the injury result from the act of the accused? The distinction has, however, been reduced to vanishing point by the decision of the House of Lords in Ireland; Burstow, above, to the effect that, whilst "causing" and "inflicting" are not exactly synonymous, grievous bodily harm could be "inflicted" without an assault and without the direct or indirect application of force to the victim's person (psychiatric injury caused by persistent harassment)."*[34]

[32] Archobold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2021
[33] Ibid 19-258, Folio 2293
[34] Ibid 19-260, Folio 2293-2294

Il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**[35] fejn l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku tagħna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiża hiex waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri, għalhekk, rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-ġudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, għalhekk, kwistjoni, li tiddependi neċessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża."*

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Francis Dingli**[36] intqal:

*"…għall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfreġju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa għall-ġudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti tagħmel referenza għal każ **Il-Pulizija vs. Fortunato Sultana**[37] fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali ġiet spjegata:

*"Mir-ritratti eżebiti u li ttieħdu ftit ħin wara l-inċident mertu ta' l-akkuża, jirriżulta bl-aktar mod ċar li dana Curmi soffra offiżi ta' natura gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Skond din id-dispożizzjoni, l-offiża fuq il-persuna hi gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-Liġi ma tirrikjedix li dana l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari, sfreġju fil-wiċċ (jew fl-għonq jew f'waħda*

[35] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża 30/7/2004
[36] Deċiża 12/9/1996
[37] Deċiża 5/2/1998

*mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għal finijiet ta' l-imsemmija dispożizzjoni, il-permanenza ta' l-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravità, tagħti lok għal hekk imsejjħa "offiża gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali."*

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antonio sive Anthony Randich**[38],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunità li tirrimarka f'okkażjonijiet oħra, l-isfreġju ('disfigurement') fil-wiċċ (jew fl-għonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanja, bħal, per eżempju, sakemm il-ferita tfieq. Huwa biss fil-każ tal-hekk imsejjħa 'offiża gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-liġi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravità) ta' l-isfreġju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tikkwalifika l-offiża f'wiċċ Sultana bħala sfreġju (għalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiża kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

**Provi Miġjuba**

Illi fortunatament din il-Qorti qiegħda f'pożizzjoni vantaġġuża sabiex tagħmel l-apprezzament tax-xhieda kollha miġjuba f'dan il-każ peress illi hija għexet il-proċess kollu u semgħet hi stess viva voce l-provi kollha w għalhekk il-Qorti setgħet tikkontrolla l-kredibilità u veraċità tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi bla dubju ta' xejn, dan il-każ jiddependi fuq ix-xhieda tal-vittma Yanika Cuschieri, li tressqet mill-prosekuzzjoni bħala x-xhud prinċipali tagħha, u għalhekk din il-Qorti trid tevalwa b'ċertu reqqa l-kredibilità *o meno* tax-xhieda

[38] Deċiża 2/9/1999

tagħha. Dan qed jingħad peress illi l-prosekuzzjoni ma ġabitx aktar xhieda għajr it-tabiba li rat lill-vittma *a tempo vergine* u l-pulizija li kienu involuti fir-rapport u fl-investigazzjoni.

Illi *"hija regola tal-proċedura kriminali li l-prova trid tkun sħiħa u sodisfaċenti"*.[39] Huwa prinċipju fundamentali ieħor li f'materja penali sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, tali akkużi għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju dettat mir-raġuni *"u jekk jeżisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkużat"*[40]. Madankollu dan ma għandux ifisser jew jiġi interpretat li kull dubju huwa biżżejjed sabiex iġġib il-liberatorja jew li l-imputat jinħeles minn kull responsabiltà legali stante li d-dubju irid ikun wieħed raġonevoli.

Filwaqt li l-prosekuzzjoni tistrieħ prinċipalment fuq ix-xhieda ta' Yanika Cuschieri l-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

*"B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."*

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wieħed tiġi emmnuta dan jista' jiġi kunsidrat bħala prova suffiċjenti hekk kif ġie ritenut fil-każ **Pulizija vs. Joseph Thorne**[41]:

*"Mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

---

[39] **Pulizija vs. Paolo Farrugia**; Appell Kriminali Inferjuri; 1/8/1959
[40] **Repubblika ta' Malta vs. Jose' Edgar Pena**, Qorti ta' l-Appell Kriminali (Superjuri), 5/12/2012; **Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri**, Qorti ta' l-Appell Kriminali (Superjuri), 5/7/2002
[41] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), 9/7/2003

Dan il-punt ġie wkoll spjegat fil-każ **Il-Pulizija vs. Matthew Borg**[42]:

*"Illi fid-dawl tas-suespost u ċioe x'inhu l-aħjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi għandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali iżda l-provi għandhom jiġu analizzati flimkien fl-assjiem tagħhom sabiex wieħed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni raġonevoli u legali jista' jagħti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab ħtija jew nuqqas ta' ħtija sempliċiment fuq analiżi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għall-każ **Il-Pulizija vs. Kieran Vella**[43]:

*"Issa meta l-Qorti tasal biex tagħżel bejn verżjoni u oħra, naturalment jittieħdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wieħed jara kemm dak li qed jgħidu għandu mis-sewwa jew le."*

Għalhekk meta l-Qorti teżamina l-atti kollha quddiemha, din il-Qorti trid tiddetermina jekk għandiex provi biżżejjed sal-grad rikjest mill-liġi u skond il-ġurisprudenza sabiex tasal għad-deċiżjoni finali. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jintqal minn Lord Denning fil-każ **Miller vs. Minister of Pension**[44] fejn jingħad:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

[42] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), 10/11/2014
[43] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), 6/10/2016
[44] 1974 – 2 ALL ER 372

Il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **The Police vs. Yilmaz Azlan**[45] fejn ġie ritenut:

*"The court has to conduct a certain exercise when assessing a witness to see whether he is saying the truth or otherwise and follows the above guidelines. However, these guidelines are not exhaustive. The law leaves such matters of discretion in the hands of the Judge who has to analyse such evidence in seeing whether for example a witness is credible or not, sees whether he has an ulterior motive to testify in the manner he did, to examine his behaviour and how he acted whilst on the witness stand and how he answered the questions put forward to him. In carrying out such an examination the court will be in a position to judge whether such witness is saying the truth, whether such evidence is consistent with what was said by the same witness earlier on if for example he himself makes contradictions in his own testimony or whether there are other facts which disapprove what is being said by the witness. These are but a few examples because the law does not provide any hard rules on the judge as to how he is to carry out such examination. But it is imperative that the judge is free to use his own discretion to see where the witness takes him. A judge can believe a witness in whole, in part or not at all".*

Illi qabel xejn il-Qorti tirrimarka illi x-xhieda tal-vittma hija pjuttost limitata fis-sustanza tagħha. Għal raġunijiet li tafhom hija biss, il-vittma għażlet li tkun evażiva fir-risposti tagħha w baqgħet issostni sa l-aħħar illi ma tiftakar xejn dwar l-inċident, saħansitra qalet illi ma tafx jekk l-argument li kellha ma' l-imputat kienx fiżiku jew bil-fomm. Oltre minn hekk, il-vittma naqset milli tipprovdi dawk id-dettalji relevanti sabiex il-Qorti tkun tista' tifhem eżattament x'ġara dakinhar ta' l-inċident. Per eżempju ix-xhud fl-ebda mument ma issemmi d-data ta' meta ġara l-inċident. Hija sempliċiment tirrispondi "*eħe*" meta mistoqsija: "*Int għamilt rapport f'Marzu tat-twenty-two?*"[46]

---

[45] Deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali; 18/6/2019, Appell Numru 438/2014
[46] Folio 50 ta' l-atti proċesswali

Illi l-Qorti tirrimarka ukoll li x-xhud ġiet imwissija diversi drabi mill-Qorti dwar il-komportament tagħha waqt li kienet fuq il-pedana tax-xhieda w finalment anke ddikjarataha bħala xhud ostili minħabba n-nuqqas tagħha li tikkopera mal-prosekuzzjoni.

Illi l-qari ta' din id-depożizzjoni tqajjem diversi mistoqsijiet dwar l-attendibilità tal-vittma bħala xhud. Illi dan qiegħed jingħad wara li din il-Qorti wettqet eżami akkurat tax-xhieda tagħha. Hekk per eżempju meta l-vittma tiddeskrivi lill-imputat bħala ħabib tagħha iżda fl-istess nifs tgħid illi l-imputat ma tafx x'kunjomu u li bilkemm għarfitu hekk kif ratu fl-awla. F'istanza oħra tgħid illi ma kienitx l-ewwel darba li iltaqgħet ma' l-imputat iżda meta imbagħad dan huwa ikkontrastat ma' dak illi hija stess qalet lill-pulizija *a tempo vergine* jirriżulta illi hija kienet iltaqgħet ma' l-imputat għal l-ewwel darba jumejn qabel ġo *bar*. Illi l-vittma tagħti verżjoni differenti ukoll meta titkellem dwar id-daqqiet li laqqtet meta tgħid li l-imputat aggrediha b'idejh biss u tonqos milli issemmi, bħal ma kienet qalet lill-pulizija meta għamlet ir-rapport, li l-imputat kien aggrediha ukoll b'rasu.

Illi f'dan il-kuntent issir referenza ukoll għal fatt illi meta mistoqsija dwar il-ġrieħi li kienet sofriet, minkejja li ġiet anke murija ċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Stefania Abdilla, il-vittma issemmi biss t-tbenġil li kellha f'għajnejha. Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li skond l-istess ċertifikat mediku l-vittma per konsegwenza ta' l-allegata aggressjoni sofriet ferita rqiqa u anke telf ta' biċċa sinna fuq in-naħa tal-lemin tax-xedaq, ħaġa li l-Qorti issibha ferm diffiċli sabiex temmen li l-vittma insiet dak li kienet sofriet u li ħasset li kellha tagħmel rapport mal-pulizija dwaru.

Dwar il-ksur tas-sinna, il-Qorti tinnota ukoll diskrepanza bejn dak illi jirriżulta miċ-ċertifikat ta' Dr. Stefania Abdilla u dak ikkonstatat minn l-espert medikolegali Dr. Mario Scerri. Illi dan il-punt qiegħed jitqajjem peress illi

minkejja li *a tempo vergine* l-vittma ilmentat minn uġiegħ fuq in-naħa tal-lemin tax-xedaq, kif fil-fatt jirriżulta miċ-ċertifikat mediku li kienet sofriet ksur ta' sinna fuq in-naħa tal-lemin, mill-banda l-oħra meta eżaminata minn l-espert maħtur mill-Qorti jirriżulta li l-ksur fis-sinna kien sar fuq in-naħa tax-xellug tax-xedaq, fejn fil-fatt l-espert Dr. Scerri jirrelata li tali ksur fis-sinna kien ġie trattat bit-teknoloġija dentali moderna u ma baqax jidher.

Illi fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza ġia kwotata mill-Qorti huwa kompletament għad-diskrezzjoni tagħha x'valur u x'piż tagħti lix-xhieda tal-vittma. Illi rinfaċċata b'dawn id-diskrepanzi kollha l-Qorti ma' tistax tagħti kredibilità lit-testimonjanza tal-vittma Yanika Cuschieri.

Illi min-naħa tiegħu l-imputat ma xhedtx quddiem din il-Qorti iżda kien irrilaxxja istqarrija iffirmata fejn ikkonferma li kien jaf lill-allegata vittma Yanika Cuschieri. Huwa ikkonferma li l-argument kien dwar *mobile* u li kien ikkonfrontaha fit-triq nhar l-4 ta' Marzu 2022 propju dwaru biex jieħdu lura. Jispjega illi hija kienet akkumpanjata minn raġel ieħor u li l-inċident kien kompletament sfortunat fejn ħabtu ras ma' ras. Huwa spjega illi f'dak il-mument l-allegata vittma ma kellha l-ebda ferita.

Illi minn dan jirriżulta illi l-vittma u l-imputat qablu li dakinhar ta' l-inċident fl-4 ta' Marzu 2022 huma kellhom xi jgħidu dwar *mobile* waqt li kienu fl-akwati tac-*cimena* f'San Pawl il-Baħar, iżda l-verżjonijiet tagħhom jikkonfliġġu dwar il-każ u n-natura tal-ġrieħi li l-allegata vittma sofriet fejn l-imputat jinnega li huwa qatt refa' idejh fuqha u li kien hu li ikkaġunalha l-istess ġrieħi. In oltre, il-verżjonijiet ivarjaw ukoll dwar il-mod kif kienu iltaqgħu u l-mod li bih il-*mobile* ta' l-imputat, li hemm qbil li kien s-sors ta' l-argument, kien spiċċa għand il-vittma b'dan illi l-imputat jallega li kien insteraq u mhux misluf.

Illi din il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha m'hijiex moralment konvinta li l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-akkużi fil-konfront tiegħu. Il-

Qorti hija tal-fehma li l-prova prinċipali tal-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkużi magħmula fil-konfront tal-imputat ma tikkostitwix prova ‘l hemm minn kull dubju raġonevoli tal-ħtija tiegħu. Għaldaqstant, u għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement ser tgħaddi sabiex tilliberah minnhom.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Liġi, u ċioe l-Artikoli 17, 20, 23, 31, 214, 215, 216, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li qed ssib lill-imputat Jason Cassar **mhux ħati** tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu w qed tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**Mogħtija illum nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**